MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 914/2007

**Michael Attard Limited (C32362)**

**Vs**

**Rene Farrugia I.D. 128366 (M)**

It-Tribunal,

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fil-14 ta' Dicembru 2007, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn disa` mija u ghoxrin Euro u tlettax-il centezmu (€2920.13) ekwivalenti ghal elf mitejn u tlieta u hamsin Liri Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm1253.61) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez u bl-imghax.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-6 ta' Gunju 2008, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn disa` mija u ghoxrin Euro u tlettax-il centezmu (€2920.13) ekwivalenti ghal elf mitejn u tlieta u hamsin Liri Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm1253.61), bl-imghax kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------